

**Mistoqsija għal tweġiba orali O-000097/2012**

**lill-Kummissjoni**

Artikolu 115 tar-Regoli ta' Proċedura

**Pino Arlacchi, Ana Gomes, Wolfgang Kreissl-Dörfler, Libor Rouček, Véronique De Keyser, Thijs Berman, Jens Geier**

f'isem il-Grupp S&D

Suġġett:     Strateġija ġdida għall-Afganistan

F'Diċembru 2010 l-Parlament adotta b'maġġoranza wiesgħa rapport dwar strateġija ġdida għall-Afganistan. Dan ir-rapport iddefinixxa strateġija mhux militari u kien ikkonċentrat fuq erba' oqsma prinċipali: għajjnuna u koordinament internazzjonali, proċess ta' paċi, taħriġ tal-pulizija u eliminazzjoni tat-tkabbir tal-oppju permezz ta' żvilupp alternattiv.

Ir-rapport kien ir-riżultat ta' sena sħiħa ta' ħidma tar-rapporteur u ta' għadd ta' Membri oħrajn involuti. Inkluda ġabra ta' talbiet speċifiċi indirizzati lir-RGħ/VP, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni. Fost affarijiet oħra, appella għal bażi tad-data ċentralizzata tal-UE dwar il-kostijiet u l-impatt tal-għajjnuna tal-UE fl-Afganistan kif ukoll biex issir evalwazzjoni bir-reqqa, li saret minn tim indipendenti, tal-azzjonijiet kollha tal-UE u tal-Istati Membri li saru s'issa fil-pajjiż. Appella barra minn hekk għall-intensifikazzjoni tat-taħriġ tal-pulizija u għall-emenda tal-mandat tal-EUPOL. Fl-aħħar, iżda mhux f'termini ta' importanza, ir-rapport ippropona pjan fuq ħames snin għall-eliminazzjoni tal-produzzjoni tal-oppju fl-Afganistan, li jkun organizzat u ffinanzjat mill-UE u mill-Federazzjoni Russa.

Ir-rapport enfasizza wkoll l-importanza tat-titjib tat-trasparenza, tat-traċċabilità u tal-obbligu ta' rendikont fir-rigward tal-assistenza finanzjarja ta' biljun euro mogħtija kull sena mill-UE u mill-Istati Membri lill-Afganistan.

Il-Parlament tenna l-impenn tiegħu dwar l-istrateġija msemmija hawn fuq fir-rapport tiegħu dwar l-kontroll baġitarju tal-għajjnuna finanzjarja tal-UE lill-Afganistan, adottat f'Diċembru 2011.

Minkejja din il-ħidma parlamentari kollha, jidher li l-azzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni fl-ambitu tal-politiki tal-UE indirizzati lill-Afganistan injoraw l-eżiti u l-proposti ta' dawn ir-rapporti, kif ukoll l-inizjattiva li jinħoloq kumitat ta' tmexxija UE-Russja inkarigat mit-tfassil ta' linji gwida għal pjan ta' ħames snin għall-eliminazzjoni tal-oppju.

Xi provvedimenti konkreti biħsiebha tiegħu l-Kummissjoni biex issolvi dan id-distakk gravi fil-kooperazzjoni mal-Parlament?

Imressqa: 2.4.2012

Mgħoddija: 4.4.2012

L-iskadenza għat-tweġiba: 11.4.2012